# JUNIOR LYCEUMS AND SECONDARY SCHOOLS
# ANNUAL EXAMINATIONS 2000
Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 5 | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: Siegħa u tliet kwarti |
|---|---|---|

TAQSIMA A

*Agħti t-tifsira ta' dawn il-kliem f'mhux inqas minn 30 kelma. Saħħaħ it-tifsira tiegħek b'eżempji:*

1. 'pressure group'

___

2. pluraliżmu

___

3. drittijiet fundamentali

___

4. diviżjoni ta' poter

___

5. kostituzzjoni

___

6. deċentralizzazzjoni

___

7. solidarjeta' soċjali

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

8. demokrazija

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

9. ċittadinanza

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

10. sanzjonijiet

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

( 30 marka)

TAQSIMA B

*Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet*

L-ISTORJA TA' RACHEL

Tqum fil-5.30 ta' fil-għodu. Issajjar, tnaddaf, tieħu 'l ħuha l-iskola u ġġibu lura u taħsel il-ħwejjeġ ta' ommha li tinsab f'*wheelchair*. Ix-xogħol tad-dar tieħu ħsiebu hi. Imbagħad fi tmiem il-jum tagħmel il-*homework*. Rachel għandha ħmistax-il sena u minn meta kellha tnax bdiet tieħu ħsieb 'l ommha Marija li tbati minn *multiple sclerosis*.

Marija ftit li xejn tista' tagħmel xi ħaġa. Darbtejn fil-ġimgħa tiġi *helper* u darba fil-ġimgħa tiġi nurse. Imma r-responsabbilta' kollha waqgħet fuq Rachel.

Minn mindu bdiet tieħu ħsieb lil ommha, speċjalment bit-tqandil, Rachel bdiet tbati b'uġigħ kbir f'daharha.

"Inħossni mnikkta u rrabjata li Rachel ikollha tagħmel kollox waħeda," qalet ommha.

1. Kif taħseb li kienet tinbidel ħajtek li kieku kellek tieħu ħsieb xi ħadd mill-familja tiegħek li għandu xi diżabilita'?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(5)

2. X'taħseb li għandha tagħmel is-soċjeta' biex tgħin li xi ħadd bħal Rachel?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(5)

3. X'tista' tagħmel aktar is-soċjeta' biex tassigura li d-drittijiet ta' persuni b'diżabilita' jiġu rikonoxxuti u li l-bżonnijiet tagħhom jingħataw aktar attenzjoni?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(10)

( 20 marka )

TAQSIMA C

*Agħżel TNEJN minn dawn u ikteb madwar 200 kelma fuq kull waħda:*

1. Ir-relazzjoni li hemm bejn l-Istituzzjoni Leġislattiva u l-Istituzzjoni Ġudizzjarja.
2. Ir-rwol ta' l-omm u tal-missier fil-familja kontemporanja.
3. Jekk tħoss li qed tiġi mċaħħad/mċaħħda minn wieħed mid-drittijiet tiegħek, x'tista' tagħmel? Fejn kont tmur għall-għajnuna?
4. Is-Soċjeta' rat tibdil kbir fl-aħħar mitt sena. Iddeskrivi l-bidliet soċjali importanti li seħħew matul dan is-seklu.
5. Iċ-ċittadinanza tagħtik drittijiet u privileġġi, imma responsabbiltajiet ukoll. Ikkummenta.
6. Malta għandha liġijiet li jagħtu opportunitajiet indaqs lill-irġiel u lin-nisa. Għaliex taħseb li l-għadd tan-nisa fil-Kamra tar-Rappreżentanti Maltija għadu daqshekk baxx?
7. Aktar ma jikber l-għadd ta' anzjani aktar se jikber il-piż fuq is-soċjeta'. X'taħseb int?
8. Xi rwol għandhom il-kunsilli lokali fit-tmexxija tal-pajjiż? Iċ-Ċittadini Maltin kif jistgħu jipparteċipaw f'din it-tmexxija?
9. 'Min hu mejjet fis-sakra u min hu mejjet għal qatra'. Hekk jgħid il-qawl Malti. Din hija s-soċjeta' u dawn huma l-inġustizzji fil-bidu tas-seklu 21. Għaliex taħseb li dawn għadhom jeżistu u kif taħseb li jista' jittaffa dan il-iżbilanċ?

( 50 marka - 2 x 25 )